SECRET - CABINET PAPERS

MINUTI

Laqgha tal-Kabinett Nru. 35

Kastilja, 7 ta' Jannar 1980
fid-9.00 p.m.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu |
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru ta' l-Ghajnuna Socjali, Xoghol u Kultura |
| L-Onor Lorry Sant | Ministru tax-Xoghlijiet u Sport |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru ta' l-Izvilupp, Energija, Port u Telekomunikazzjonijiet |
| L-Onor Patrick Holland | Ministru tal-Kummerc, Industriji u Industriji Parastatali u tal-Poplu |
| L-Onor Freddie Micallef | Ministru tal-Biedja u Sajd |
| L-Onor Danny Cremona | Ministru tat-Turizmu |
| L-Onor Philip Muscat | Ministru ta' l-Edukazzjoni |
| L-Onor Joe Brincat | Ministru tal-Gustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament |

Assenti:

| | |
|---|---|
| L-Onor Vincent Moran | Ministru tas-Sahha u l-Ambjent |

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Prezenti wkoll:

Dr Edgar Mizzi
Is-Sur Edmond W Micallef

MINUTI

Il-Ministri approvaw il-Minuti tal-Laqgha Nru 34.

Il-kabinett iddecieda li l-Ministru tal-Gustizzja ghandu jaghti direttivi li m'ghandiex tinghata l-'probation' fil-kaz ta' persuni li jinstabu hatja fuq drogi, serq u vjolenza.

Wara l-kabinett iddiskuta l-htiega li:

(a) l-industriji lokali jissupplixxu s-suq Malti bil-prodotti taghhom u bi prezzijiet favorevoli, biex titnaqqas l-importazzjoni;

(b) issir riforma, fix-xhur li gejjin, fil-qasam ta' l-Insurance;

(c) issir offerta ghax-xiri tal-vapur Melitaland ta' bejn £M150,000 u £M170,000 (certified);

(d) ikun hemm 'second opinion' fuq ix-xiri ta' l-ajruplani ghall-Air Malta (mill-Irlandizi u Olandizi) u li x-xiri jsir bin-nifs fit-tul.

Il-laqgha giet aggornata ghall-Erbgha, 9 ta' Jannar 1980 biex il-Ministri jirrappurtaw fuq il-'priorities' ta' kull Ministru.

9/1/80
....................
Segretarju tal-Kabinett

....................
Chairman tal-Kabinett

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA